MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 303/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Redeemer Bellizzi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fil-15 t'April, 2008, ghall-habta ta' 00.10 hrs, fil-Gzira, bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju mill-vettura numru FBN-836, saq l-imsemmija vettura kemm b' forza mekkanika jew b'mod iehor, naqas li jkollu l-permess tas-sid jew awtorita' legittima ohra;
2. fl-istess data, hin, u lok saq l-istess vettura numru FBN-836 meta kien qed jiskonta skwalifika tal-licenzja tas-sewqan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 31 ta' Jannar, 2008;

3. saq l-istess vettura numru FBN-836 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;
4. b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
5. sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 31 ta' Jannar, 2008, liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 31, 37 u 49 tal-Kap. 9, l-artikolu 59 u 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104, u wara li l-ewwel akkuza giet irtirata mill-prosekuzzjoni w l-appellant ammetta t-tieni, t-tielet, ir-raba' w il-hames akkuza, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-appellant ghal piena komplessiva ta' disa' (9) xhur prigunerija w mitejn u tlieta w tletin Euro (€233) multa w ordnat li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief hekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-art. 3(2A) tal-Kap. 104, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) snin.
Finalment il-Qorti tat lill-appellant l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 t'Otturbu, 2008, li bih talab li din il-Qorti timmodifika w tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet li kien fadal dedotti kontra tieghu w kif ukoll fejn ikkundannatu ghal hlas tal-multa fl-ammont ta' Euro 233, tbiddel u tvarja l-precitata sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' disa' xhur sospizi ghal erba' snin u ta' skwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal perjodu ta' tliet snin u minflok tinfliggi piena ferm anqas gravuza minn dik moghtija mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda biss il-piena inflitta peress li hija ferm iebsa w sproporzjonata w l-Ewwel Qorti ma qiesetx bizzejjed il-fatt li l-appellant hu minorenni kif ukoll li hu ammetta fi stadju bikri l-erba akkuzi li kien fadal fil-konfront tieghu wara li l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel akkuza.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi trattandosi ta' appell limitat ghall-piena jigi ribadit Illi din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn). F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghax il-massimu taghha kien addirittura ta' multa ta' Euro 5823.43c (LM2500) fuq ir-raba reat wahdu, u piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur. Bir-recidiva mbaghad dawn setghu anki jizdiedu bi grad ghal disgha xhur prigunerija, fuq l-istess raba imputazzjoni  Inoltre l-appellant seta jehel multi sostanzjali ukoll fuq ir-reati l-ohra u koncepibbilment anki xi piena karcerarja ohra bl-applikazzjoni tal-art. 17 (b) tal-Kap.9.

Illi pero' rrizulta li l-appellant ghadu minorenni ghax - kif jirrizulta mill-komparixxi w l-fedina penali tieghu - twieled fil-11 t' Awwissu, 1991. Ghalhekk kien applikabbli l-artikolu 37 tal-Kap. 9 li jghid li il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Illi l-Ewwel Qorti jidher li qieset dan il-fattur u di fatti ccitat l-art. 37 tal-Kap. 9 fost l-artikoli l-ohra fis-sentenza appellata tant li erogat piena komplessiva ta' multi ferm inqas mill-minimum preskritt ghar-raba reat ta' sewqan bla polza tas-sikurta' kontra r-riskji ta' terzi, li trattandosi tat-tieni darba li l-appellant kien qed jinstab hati tieghu, kien passibbli ghall-multa minima ta' Euro 4658.75c. u dan apparti l-multa erogabbli ghar-reati l-ohra.

Mhux l-istess pero' dwar il-piena karcerarja (sia pure sospiza) fejn jidher li giet erogata fil-massimu taghha skond l-art. 3 (2) (b) tal-Kap. 104 u b' zieda ta' grad ghar-recidiva. Hawn ma jidhirx li ttiehed bizzejjed konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellant kien minorenni, anki jekk din kienet piena komplessiva w koncepibbilment setghet tinkludi xi piena karcerarja ghar-reati l-ohra li taghhom l-appellant ammetta l-htija tieghu.

Li ghalhekk fir-rigward tal-piena ta' prigunerija sospiza jidher li l-piena massima ta' disgha xhur prigunerija, ghandha mill-inqas titnaqqas bi grad ghall-wahda ta' sitt xhur prigunerija. Mill-bqija pero' ma jidhirx li hemm lok ghal riduzzjoni ulterjuri fil-pieni w fit-terminu tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan li giet applikata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu hlief tal-ewwel imputazzjoni li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, tikkonfermaha wkoll fejn ikkundannat lill-appellant ghall-multa ta' Euro 233 u fejn skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlitt snin, liema terminu ghandu issa jibda ghaddej mil-lum, u tirrevokaha fejn ikkunndannatu ghall-piena ta' disa' xhur prigunerija li m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' erba snin hu jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija w, minnflok tikkundannah ghall-periodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' erba snin hu jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-appellant ir-responsabiltajiet tieghu skond l-art. 28B jekk hu jikommetti reat punibbli bi prigunerija fit-terminu operattiv tas-sentenza sospiza.

Finalment il-Qorti gibdet l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligi tieghu skond l-art. 28A (8) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------